# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 19 ta' Mejju 2017**

**Numru 2**

**Rikors numru 212/2017**

**Ivan Grech Mintoff personalment kif ukoll bħala President ta' Alleanza Bidla, Joseph Giardina u Saviour Xuereb**

***v.***

**Kummissarju Elettorali Prinċipali in rappreżentanza tal-Kummissjoni Elettorali**

1. Dan huwa appell tal-partit Alleanza Bidla u ta' tliet kandidati tal-istess partit ["il-Kandidati Appellanti"] minn deċiżjoni tal-Kummissjoni Elettorali ["il-Kummissjoni"] li laqgħet oppożizzjoni magħmula minn terzi kontra n-nomina tal-Kandidati Appellanti bħala kandidati għall-elezzjoni ġenerali f'aktar minn żewġ distretti elettorali. Il-fatti relevanti seħħew hekk:

2. Il-Kandidati Appellanti tefgħu n-nomina biex jikkandidaw ruħhom kull wieħed f'aktar minn żewġ distretti. Il-Kummissjoni laqgħet in-nomini iżda tressqet oppożizzjoni mill-Moviment Patrijotti Maltin kontra l-app-

rovazzjoni tal-Kandidati Appellanti safejn il-kandidatura tagħhom kienet fuq aktar minn żewġ distretti. Ir-raġunijiet għall-oppożizzjoni ġew imfissra hekk:

> »… … … Taqsima IX, *Nomina ta' kandidati*, paragrafu [*recte*, artikolu] 51, subartikolu (3) [*sc.* tal-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali, Kap. 354] jgħid hekk:
>
> > »"(3) Tista' ssir oppożizzjoni għal nomina minħabba li l-kandidat ma jkunx reġistrat bħala elettur fir-Reġistru Elettorali l-aħħar pubblikat jew li fiha d-deskrizzjoni tal-kandidat ma tkunx biżżejjed sabiex jiġi identifikat, minħabba li l-formula tan-nomina ma tkunx magħmula jew ma tkunx ġiet ikkunsinnata skont id-dispos-izzjonijiet ta' dan l-Att jew minħabba li l-kandidat ikun ġà ġie nominat għal żewġ distretti elettorali"
>
> »Sussegwentement fis-subartikolu (4) tal-istess paragrafu, it-tieni parti tgħid:
>
> > »"Il-Kummissjoni nnifisha għandha tagħmel oppożizzjoni jekk din jidhrilha li jkun hemm xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fis-sub-artikolu (3)."
>
> »Kif jidher ċar mis-subartikli hawn fuq ikkwotati, waqt li din il-liġi strettament ma tipprojbixxix li kandidat jista' *japplika* għal aktar minn żewġ distretti, però tesprimi b'mod kategoriku li dan huwa każ ta' oġġezzjoni għal raġuni speċifikament imsemmija fis-subartikolu (3) hawn fuq ikkwotat. Niġbdu wkoll l-attenzjoni li barra l-oġġezzjoni tal-Moviment, subartikolu (4) hawn fuq ukoll ikkwotat jesiġi li l-istess Kummissjoni nnifisha hija obbligata *tagħmel oppożizzjoni* għal dan il-fatt.«

3. Alleanza Bidla u l-Kandidati Appellanti wieġbu illi l-oppożizzjoni hija nulla "billi ma saritx fuq il-formula tad-dipartiment". Il-Kummissjoni iddeċidiet illi l-oppożizzjoni hija valida għax "tali formula mhix pre-skritta mil-liġi, li tirrikjedi biss oppożizzjoni bil-miktub". Imbagħad laqgħat l-oppożizzjoni fil-meritu: aċċettat in-nomina tal-Kandidati Appellanti bħala kandidati f'żewġ distretti kull wieħed biss u ma aċċettathiex fil-bqija. Ir-raġuni għal din id-deċiżjoni fissritha hekk:

> »Il-Kummissjoni kkunsidrat li l-art. 51 (3) tal-Kap. 354 neċessarjament jimplika li kandidat ma jistax jikkontesta elezzjoni ġenerali fuq aktar minn żewġ distretti elettorali u għalhekk in-nomina ta' dawn il-kandidati f'distrett għal iżjed mill-ewwel tnejn sottomessi huma invalidi … … …«

4. Alleanza Bidla u l-Kandidati Appellanti appellaw minn din id-deċiżjoni b'rikors tat-18 ta' Mejju 2017 li għalih il-Kummissjoni wieġbet fit-18 ta' Mejju 2017 u wieġeb ukoll l-Avukat Ġenerali fit-18 ta' Mejju 2017.

5. Qabel ma tqis il-meritu tal-appell il-qorti sejra tiddisponi minn eċċezz-joni preliminari mressqa mill-Kummissjoni fis-sens li "l-partit appellant ma għandu l-ebda *locus standi* f'dawn il-proċeduri".

6. Din l-eċċezzjoni saret għalxejn, għax ukoll jekk Alleanza Bidla ma għandhiex *locus standi*, ma hemmx dubju li l-Kandidati Appellanti għandhom *locus standi* u għalhekk xorta l-appell ikollu jinstema' u jiġi deċiż. Il-qorti kienet tapprezza li kieku l-Kummissjoni ma ressqix eċċezzjonijiet inutli li jservu biss biex jaħlu l-ħin, aktar u aktar fi proċeduri bħal dawn li jridu jinqatgħu fi żmien qasir u perentorju.

7. Dan igħodd aktar u aktar meta l-eċċezzjoni tkun fiergħa. Aktar ma jkollu kandidati f'aktar distretti aktar ikollu l-possibilità partit politiku li jiġbor preferenzi u li jeleġġi kandidat fil-lista tiegħu. Dan huwa interess ġuridiku li jagħti leġittimazzjoni attiva lil Alleanza Bidla f'dawn il-pro-ċeduri, u l-eċċezzjoni hija għalhekk miċħuda.

8. Ngħaddu issa għall-meritu tal-appell, li hu msejjes fuq żewġ aggravji: i. illi l-oppożizzjoni ma tiswiex għax ma saritx fil-forma li trid il-liġi, u ii. illi ma hemmx raġuni valida kontra nomina ta' kandidat fuq aktar minn żewġ distretti.

9. L-aggravju dwar in-nuqqas ta' forma valida tal-oppożizzjoni huwa msejjes fuq żewġ argumenti: a. illi l-oppożizzjoni kienet stampata u

mhux “bil-miktub”, *i.e.* mhux miktuba bl-id, manuskritta; u b. illi l-oppożizzjoni ma saritx fuq il-formula mħejjija għalhekk mill-Kummiss-joni u ma saritx għal xi waħda mir-raġunijiet li jissemmew f’dik il-formula.

10. L-art. 5(4) tal-Kap. 354 igħid illi:

> »(4) Kull oppożizzjoni għandha tkun bil-miktub, iffirmata mill-persuna li tagħmilha u għandu jkun fiha r-raġuni li għaliha qiegħda ssir. … … …«

11. Il-kwistjoni hi jekk “bil-miktub” tfissirx li l-oppożizzjoni trid tkun miktuba bl-id jew tistax tkun ukoll stampata.

12. Il-kliem “bil-miktub” fil-liġi ma jfissirx bilfors miktub bl-id. Hekk, l-art. 176 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili dwar kif isiru l-atti ġudizzjarji jgħid illi:

> »176. (1) L-iskritturi għandhom ikunu stampati, miktuba bit-*typewriter* jew miktuba bil-linka:«

13. Il-fatt illi l-atti jistgħu jkunu “miktuba bit-*typewriter*” juri li l-kelma “miktuba” meta użata f’liġi ma tfissirx bilfors miktuba bl-id. Ma hemm xejn fil-Kap. 354 li juri li f’din il-liġi għandha tifsira differenti milli għandha f’liġijiet oħra. Din il-parti tal-aggravju hija għalhekk miċħuda.

14. It-tieni parti tal-aggravju tgħid illi l-oppożizzjoni ma saritx fuq il-formula mħejjija għalhekk mill-Kummissjoni. Il-liġi iżda ma trid ebda forma speċifika għall-oppożizzjoni ħlief illi tkun “bil-miktub” u għalhekk ma hemm ebda invalidità jekk ma tintużax il-formula tal-Kummissjoni, sakemm tkun bil-miktub, iffirmata u jkun fiha r-raġuni li għaliha qiegħda ssir.

15. Il-fatt imbagħad illi r-raġuni li għaliha tkun qiegħda ssir ma tkunx raġuni fost dawk li jissemmew fuq il-formula tal-Kummissjoni wkoll ma jwassal għal ebda nullità għax ir-raġunijiet għala tista' ssir oppożizz-joni ma tgħidhomx il-Kummissjoni iżda tgħidhom il-liġi, li fl-art. 51(3) tal-Kap. 354 tqis il-fatt "li l-kandidat ikun ġà ġie nominat għal żewġ distretti elettorali" bħala raġuni għal oppożizzjoni. Jekk din ir-raġuni ma tissemmiex fil-formula tal-Kummissjoni dan *se mai* huwa difett fil-formula tal-Kummissjoni u ma jxejjinx ir-raġuni għall-oppożizzjoni.

16. L-aggravju msejjes fuq l-invalidità formali tal-oppożizzjoni huwa għalhekk miċħud.

17. Fit-tieni aggravju – dak dwar il-korrettezza tad-deċiżjoni tal-Kummiss-joni fuq il-meritu tal-oppożizzjoni – l-appellanti jgħidu illi fl-oppożizzjoni stess jingħad illi "il-liġi strettament ma tipprojbixxix li kandidat jista' *japplika* għal aktar minn żewġ distretti".

18. Dan huwa minnu iżda ma jwassalx għall-konklużjoni li jridu l-appell-anti. Dak li qiegħda tgħid l-oppożizzjoni fis-silta ċitata hu illi tista' tintlaqa' nomina f'aktar minn żewġ distretti iżda ma għandhiex tiġi aċċettata l-kandidatura jekk issir oppożizzjoni għal dik ir-raġuni.

19. Din il-qorti taqbel mal-Kummissjoni illi l-fatt waħdu li kandidat ikun ġà ġie nominat għal żewġ distretti elettorali huwa raġuni tajba u biżżejjed biex in-nomina f'aktar distretti ma tiġix aċċettata. Ir-raġunijiet l-oħra msemmija fl-art. 51(3) tal-Kap. 354 – li kandidat ma jkunx reġistrat bħala elettur fir-reġistru elettorali, li l-kandidat ma jkunx biżżejjed identifikat, li ma tkunx saret jew ma tkunx ikkunsinnata l-formula tan-

nomina kif trid il-liġi – huma kollha raġunijiet perentorji, biżżejjed biex tintlaqa' l-oppożizzjoni u ma tiġix aċċettata n-nomina. Nomina għal aktar minn żewġ distretti hija raġuni *eiusdem generis* u daqstant ieħor raġuni perentorja u biżżejjed. Dan ma jfissirx li l-oġġezzjoni ma tridx tkun sostanzjata iżda jfisser li darba ċ-ċirkostanza li tagħti lok għall-oġġezzjoni prevista mil-liġi – i.e. il-fatt li hemm nomina fuq aktar minn żewġ distretti – tkun ġiet sostanzjata dik l-oġġezzjoni trid tintlaqa'.

20. L-appellanti jgħidu wkoll illi l-art. 51(4) igħid illi jekk lill-Kummissjoni jidhrilha li hemm raġuni biżżejjed ta' oppożizzjoni hija "għandha" tagħmel oppożizzjoni hija nnifisha. Il-fatt illi l-Kummissjoni ma għamlitx oppożizzjoni jfisser li ma dehrilhiex li hemm raġuni tajba ta' oppożizz-joni u għalhekk biex tibqa' konsistenti magħha nfisha kellha tiddeċiedi li r-raġuni mressqa minn terzi ma kinitx tajba.

21. Il-fatt li l-Kummissjoni ma ressqitx hija stess oppożizzjoni jista' jfisser *se mai* li l-Kummissjoni naqset minn dmirha taħt l-art. 51(4) iżda ma jfissirx li oġġettivament ma hemmx raġuni valida għall-oppożizzjoni, jew li jekk titressaq oppożizzjoni valida minn terzi għandha tiġi miċħuda.

22. Dan l-aggravju wkoll huwa għalhekk miċħud.

23. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiċħad l-appell u tikkonferma d-deċiżjoni tal-Kummissjoni. L-ispejjeż tal-eċċezzjoni preliminari ta' nuqqas ta' leġittimazzjoni attiva tħallashom il-Kummissjoni; l-ispejjeż l-oħrajn kollha jħallsuhom l-appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
df